# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1124/2012

## tas-26 ta' Novembru 2012

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet tal-Unjoni speċifiċi, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikata fil-kolonna nru (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna nru (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stipulat li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat- 12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]).

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament tfasslu b'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif tidher fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur taħt l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fit-totalitá tiegħu, u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-oġġetti | Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Sensor tal-użin issiġillat ermetikament (hekk imsejjaħ "dinamometru") li jinkorpora estensimetru fil-forma ta' ċirkwit pont b'dimensjonijiet ta' madwar 13 × 3 × 3 cm.<br><br>Id-dinamometru jopera biċ-ċaqliq tal-filament tal-estensimetru meta dan ikun suġġett għal forza fiżika. Il-forza fiżika toħloq bidla fir-reżistenza tal-filament, u b'hekk tiżbilanċja ċ-ċirkwit pont li min-naħa tiegħu jibdel il-vultaġġ tal-kurrent li jkun għaddej.<br><br>Id-dinamometru jikkonverti l-forza fiżika li taġixxi fuqu f'sinjal elettriku proporzjonali għal dik il-forza. Is-sinjal jinqara, jiġi pproċessat u muri b'mezz li ma jkunx inkluż mal-preżentazzjoni.<br><br>Id-dinamometru huwa mfassal biex jintuża, pereżempju, f'miżinijiet tal-art, blenders, hoppers u miżinjiet għat-tankijiet. | 9031 80 98 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1, 2(a) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, min-Nota 1(m) sas-Sezzjoni XVI u mit-test tal-kodiċijiet NM 9031, 9031 80 u 9031 80 98.<br><br>Id-dinamometru huwa mfassal biex jikkonverti forza fiżika f'sinjal elettriku għall-iskopijiet tal-kejl. Peress li hu nnifisu ma jurix ir-riżultat tal-kejl, huwa meqjus bħala strument tal-kejl mhux komplut mhux speċifikat jew inkluż x'imkien ieħor fil-Kapitolu 90. Għaldaqstant, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8423 bħala parti minn makkinarju tal-użin hija eskluża (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni għall-intestatura 9031, (A), punt (30)).<br><br>Għalhekk l-artiklu għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 9031 80 98 bħala strumenti oħra mhux speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor fil-Kapitolu 90. |